

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/610**tal-4 ta' Mejju 2020****dwar l-ilqugħ temporanju ta' ċerti Palestinjani minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 u l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/882 ⁽¹⁾, li pprevediet estensjoni tal-validità tal-permessi nazzjonali ta' ċerti Palestinjani għad-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri msemmin fil-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2002/400/PESK ⁽²⁾ għal perijodu ulterjuri ta' 24 xahar.
- (2) Fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tal-applikazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK, il-Kunsill iqis li jkun xieraq li l-validità ta' dawk il-permessi tiġi estiża għal perijodu ulterjuri ta' 24 xahar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri msemminja fl-Artikolu 2 tal-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK għandhom jestendu l-validità ta' permessi nazzjonali għad-dħul u s-soġġorn mogħtija taħt l-Artikolu 3 ta' dik il-Pożizzjoni Komuni għal perijodu ulterjuri ta' 24 xahar, mill-31 ta' Jannar 2020.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Mejju 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
G. GRLIĆ RADMAN

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/882 tat-18 ta' Ġunju 2018 dwar l-ilqugħ temporanju ta' ċerti Palestinjani minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea u li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK (ĠU L 155, 19.6.2018, p. 8).

⁽²⁾ Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2002/400/PESK tal-21 ta' Mejju 2002 dwar l-ilqugħ temporanju minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea ta' ċerti Palestinjani (ĠU L 138, 28.5.2002, p. 33).